# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

## **Laqgħa Numru 54– 4 Leġislatura**

**l-Erbgħa ta' 25 ta'May 2026**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Zejtun | Is-Sinjura Joan Agius |
| Sindku Marsaskala | Chev. Mario Calleja |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsillier B'Buġia | Is-Sur Alexander Caruana |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħamrun | Dr Antoine Vassallo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Kapt Charmaine St John, Sindku Luke Farrugia u Sindku Gianluca Falzon, Sindku Josef Masini Vento, Sindku Romeo Baldacchino,

ASSENTI

Ħadt

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

54.1.1 Il-President informa li Sindku Kapt Charmaine St John, , Sindku Luke Farrugia u u Sindku Gianluca Falzon, Sindku Josef Masini Vento, Sindku Romeo Baldacchino, informaw li minħabba impenji oħra ma setgħux jattendu.

**54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 53**

54.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' tlieta u ħamsin (53) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa.

54.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsillier Dr Antoine Vassallo , il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

54.2.3 Il-President informa li l-attività ta' tiġrijiet ta' żwiemel kienet saret u żiemel rebbieħ kien dak li rrappreżenta lil lokalita ta' Santa Luċija. Huwa tenna li din kienet l-ewwel darba li saret filgħaxija u jidher li ntlaqat tajjeb għaliex kien hemm attendenza numeruża.

54.2.4 Rigward l-update fuq il-xogħolijiet ta' binja, il-President informa li xogħolijiet għaddejjin b'ritmu tajjeb u ser issir l-ewwel saqaf fil-jiem li ġejjien.

54.2.5 Il-President fakkar dwar l-importanza ta' tagħlim sabiex tonqos il-borza sewda għaliex apparti l-importanza ta' riċiklaċ, it-toqol jiswa ħafna flus f'tipping fees lil Reġjun.

**54.3 Komunikazzjoni mill-President;**

54.3.1 Il -President informa li fl-14 ta' Mejju 2026 saret il-finali tal-kwiżż HENA b' attendenza ta' madwar 230 tifel u tifla min skejjel ta' gvern, tal-knisja u privati. Apparti il-kwiżż l-studenti pparteċipaw f-kompetizzjoni ta' l-arti. Kien proġett fejn permezz tiegħu l-istudenti tagħlmu iktar fuq ir-Reġjun. Dan il-proġett b' fondi li ġew mogħtija mill *Arts Council*, ir-Reġjun ħareġ il-barra mill lokalitajiet tiegħu b'hekk it-tagħlim sar fuq firxa ikbar. Ir-rebbieħa ġew preżentati b' vouchers kif ukoll premju għal l-iskola li kienu qed jirrappreżentaw. Huwa irringrazzja li Sindku John Schembri u Kunsillier Jeffery Scicluna tal-preżenza tagħhom waqt l-attività.

54.3.2 Il-President qal li dan l-aħħar ġimgħat kien hawn diversi NGOs madwar ir-Reġjun bħal kmamar ta' nhar u clubs tal-futbol li rebħu diversi unuri għalhekk kien qed jipproponi l-issir attività sabiex t'onora dawn il-kisbiet ta' dawn il-voluntiera. Peress li l-elezzjoni kienet fil-viċin u ħafna mil NGOs ikunu impenjati b'xogħol tagħhom, ser jiġu mistiedna waqt Laqgħa Annwali 2026.

54.3.2.1 Il-Kunsill qabel ma din proposta

**54.4 Skeda ta' Pagamenti**

53.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 05/26A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Karl Boxall u sekondat mill-Kunsillier Dr Antoine Vassallo il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**54.5 Rapporti**

54.5.1 **Q1 Rapport Finanzjarju Jan-Mar 2026( Emenda)**

l- President resaq ir-Rapport Finanzjarju ta' l-ewwel kwart ta' sena Jan-Mar 2026 emendat kif kien maqbul waqt il-laqgħa numru 53. Din l-emenda saret wara li saru il-verifiki neċessarji dwar l-ispiża tal-VAT fuq l-iskart riċiklat fil-fatt huwa konfermat li din ser tingħata lura li Reġjuni.

54.5.1.1 Is-Sindki u Delegati preżenti approvaw rapport Q1 kif emendat

54.5.2 **Rapport Finanzjarju 2025 ( awditjat)**

Il-President ressaq ir-Rapport Finanzjarju awditjat 2025 għal qari. Għaldaqstant huwa stieden lil Accountant tal-Kunsill Reġjonali sabiex jagħti ta' spjega tar-Rapport. L-Accountant informa li il-Kunsill ġie mitlub jibgħat numru ta' dokumenti lil awdituri, dan kien eżerċizzju intensiv li beda min Jannar 2026. Intalbu numru ta' verifiki iżda l-uffiċċju ta' amministrazzjoni irrisponda dejjem fil-ħin. L-awdituri innotaw li kwistjoni ta' finanzjar tal-waste-rejects ġiet solvuta, kif ukoll li kontijiet pendenti lil Wasteserve relatati ma tipping fees qed jiġu indirizzati għalkemm il-kwistjoni relatat ma tunnellaġġ ta' tipping min skips mhux responsabiltà ta' Regjun għada ma hijiex konkluża. L-Accountant tenna li l-awdituri staqsew dwar ir-reġistru ta' Fixed Assets fejn il-Kunsill irrisponda li sar eżerċizzju ta' kif qed jiġu kompulati l-fixed assets.
Sfortunatament l-awdituri ikkwalifikaw ir-rapport minħabba in-nuqqas ta' rispons mil-kumpanija li tmexxi is-sistema ta' Loqus li hija responsabbli mis-sistema tal-ħlasijiet mil-kontravenzjonijiet. It-tmexxija ta' sistema hija barra mill kontroll tal-Kunsill. L-awdituri innutaw li Segretarju Eżekuttiv pruvat tagħmel kuntatt ma il-kumpanija iżda ma rispondewx. Il-Kunsill Reġjonali spiċċa sena b'profitt 247,833 ewro, iżda wieħed irrid jirrimarka li hemm kien hemm 3 postijiet vakanti peress li f' 2024 u matul 2025 kienu irriżenjaw 3 impjegati. L-accountant ikkonkluda li awdituri qablu ma l-andament tal-proċeduri ġenerali ta' żamma ta' l-accounts tal-Kunsill Reġjonali.

54.5.2.1 Il-Kunsill approva ir-Rapport Finanzjarju 2025 kif preżentat

**54.6 Item: Proposta -Futbol Tournament**

Il-President qal li Reġjun ir-rċieva proposta sabiex jerġa issir Tournament tal-Futbol kif kien sar f' Mejju ta' 2024. Il-Manager tal -Kultura iltaqa' ma Sur James Fenech min Sportify Sports Academy fejn id-iddiskutew u faslu proposta b' parteċipazzjoni min Futbol Nurseries madwar ir-Reġjun. F'dawl li Santa Luċija, Gudja u Marsa m'għandhomx futbol nursery ser jiġu ikkonsultati il-Kunsilli ta' Santa Lucija, Gudja, u il-Marsa, sabiex ikollhom l-opportunita li jaqdu tim. L-etajiet jinkludu U5-U12 u U13. Min jipparteċipa jingħata medalja u trophy. Il-proposta qed taħseb sabiex jiġu nklużi timijiet tal-bniet kategorija U13. Il-President tenna li qed jipproponi li jiġu approvati 5000 exl vat għal din l-attivita'. Il-proposta iktar f'dettal mehmuża mal-Minuti.

54.6.1 Il-Kunsill qabel mal-proposta kif preżentata għajr li deċiżjoni li Tournamanet jiġi organizzat kull sentejn.

**54.7 Affarijiet Oħra**

Il-Sindku Joan Agius irringrazzjat li Regjun ta' l-inizjattiva tal-proġett HENA u qalet hija ma setgħatx t'attendi għal finali minħabba impenn ta' xogħol. President qal li ħafna mit-tpinġijiet

li ġew sottometti kienu ta' livell għoli u kien diffiċli sabiex tagħżel l-aħjar. Kien hemm numru ta'tpinġijiet li għamlu is-suġġett tagħhom il-luzzu għalhekk qed naħsbu sabiex jiġu esibiti waqt attività li ser issir Marsaxlokk f'20 ta' Ġunju 2026.

**54.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

54.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 ta'Ġunju 2026.

Konfermati llum l-Erbgħa 24 ta'Gunju 2026____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv